**KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 19 – 2 ta’ Mejju 2013**

Il-Kunsill Lokali ta’ Ħaż-Żebbuġ iltaqa’ fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq l-Isqof Caruana fis-6.30 ta’ filgħaxija sabiex issir Aġenda numru 18. Il-laqgħa bdiet fis-7.05 ta’ filgħaxija.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Alfred Grixti | Sindku |
| | Thomas Agius | Viċi-Sindku |
| | Roderick Aquilina | Kunsillier |
| | Duncan Bartolo | Kunsillier |
| | Cain Grech | Kunsillier |
| | Catherine Sammut | Kunsilliera |
| | Robert Tabone | Kunsillier |
| | Philip Said | Kunsillier |
| Skużati: | George Cortis | Kunsillier |
| Assenti: | Ħadd | |
| Uffiċjal preżenti: | Christopher Formosa | Segretarju Eżekuttiv |
| | Philip Gatt | Project Manager |

Pubbliku: Għal-laqgħa attenda l-Marketing u Events Co-ordinator Dr. Massimo Ellul, u l-accountants tal-Kunsill is-sinjuri Paul Bugeja u Paul Mifsud.

Il-Viċi Sindku Thomas Agius mexxa l-ewwel parti tal-laqgħa minħabba li s-Sindku Alfred Grixti wasal tard minħabba mpenji ta’ xogħol.

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1. Il-Viċi Sindku Thomas Agius ressaq il-minuti ta’ Aġenda 18 għall-approvazzjoni tal-Kunsilliera.

1.2. Il-Kunsillier Roderick Aquilina kkummenta li huwa kien se jastjeni għax kien imsiefer.

1.3. Il-Viċi Sindku Thomas Agius ressaq mozzjoni sabiex il-minuti ta' Aġenda 18 jiġu approvati hekk kif imressqa. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Cain Grech. Ittieħed vot;

**Dawk favur;** Il-Kunsilliera Cain Grech, Robert Tabone u Philip Said.

**Dawk kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Il-Viċi Sindku Thomas Agius u l-Kunsillier Roderick Aquilina.

Il-minuti ġew approvati (88).

## 2. ĦWEJJEĠ LI JOĦROĠU MILL-MINUTI

2.1. Ma kien hemm l-ebda punt li joħroġ mill-minuti.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1. Ma tressaq l-ebda punt ta' korrispondenza.

## 4. VOT TAL-FLUS

4.1. Il-Viċi Sindku Thomas Agius ressaq l-iskeda tal-pagamenti għall-kummenti tal-Kunsilliera.

4.2. Il-Kunsillieri Duncan Bartolo u Catherine Sammut daħlu għal-laqgħa fis-7.10pm. Il-Kunsilliera Sammut qalet li avżat lis-Sindku li kienet se tasal tard.

4.3. Il-Kunsillier Roderick Aquilina qal li huwa kien se jivvota favur l-iskeda tal-pagamenti iżda kien se jastjeni fuq punti 6, 7, u 40. Il-Kunsillier Philip Said talab kjarifika dwar punt numru 7, is-Segretarju Eżekuttiv spjega.

4.4. Il-Kunsillier Cain Grech talab li jkun jaf jekk fl-iskeda tal-pagamenti kienx hemm pagamenti relatati ma' Vjal il-Ħelsien. Is-Segretarju wieġeb li ma kienx hemm pagamenti fuq Vjal il-Ħelsien.

4.5. Il-Viċi Sindku Thomas Agius qal li li kien se jastjeni fuq il-pagamenti numru 4 sa 23.

4.6. Il-Viċi Sindku Thomas Agius ressaq mozzjoni sabiex l-iskeda ta' pagamenti tiġi approvata hekk kif mressqa. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Cain Grech. Ittieħed vot;

**Dawk favur;** Il-Kunsilliera Duncan Bartolo, George Cortis, Cain Grech, Catherine Sammut, u Philip Said.

**Dawk kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Il-Viċi Sindku Thomas Agius astjena fuq items 4 sa 23 tal-vot tal-flus, il-Kunsillier Roderick Aquilina astjena fuq items 6, 7 u 40 tal-vot ta' flus u l-Kunsillier Robert Tabone astjena fuq item 4 minħabba kunflitt ta' interess.

Il-pagamenti ġew approvati (89).

4.7. Il-Kunsillier Roderick Aquilina talab li jkun jaf f' liema stadju waslu l-appelli fuq it-tenders. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-appell tat-tindif taż-żoni urbani kien għadu ma nqatax filwaqt li fuq l-appell tat-tindif taż-żoni mhux urbani, il-bord tal-appell irrakkomanda li l-Kunsill jerġa jintegra l-offerta li ġiet skwalifikata fil-proċess tal-aġġudikazzjoni. Is-Segretarju spjega li l-Kunsill kien talab kjarifika fuq dan.

4.8. Il-Kunsillier Roderick Aquilina talab li jara l-kuntratt tal-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart minħabba li rċieva numru ta' lmenti.

4.9. Il-Viċi Sindku Thomas Agius talab sospensjoni tal-Aġenda sabiex isir punt numru 7 tal-Aġenda. Kien hemm qbil dwar dan. Il-Kunsill daħal fi stadju ta' kumitat fis-7.30pm.

## 7. NIGHTFEST UPDATES

7.1. Dan il-punt ġie diskuss fi stadju ta' kumitat.

## 5. APPROVAZZJONI AUDITED ACCOUNTS

5.1. Is-Sindku Alfred Grixti daħal għal-laqgħa fit-8.15pm.

5.2. Il-laqgħa tkompliet fid-9pm. Il-Kunsillier Roderick Aquilina talab li jkun skużat minħabba mpenji personali, huwa telaq fid-9pm.

5.2. Is-Sindku Alfred Grixti qal li wara li saret il-preżentazzjoni tal-Audited Financial Statements minn naħa tal-accountants tal-Kunsill fi stadju ta' kumitat, huwa kien qiegħed jipproponi li fid-dawl tal-preżentazzjoni u d-diskussjonijiet li saru l-Audited Financial Statements jiġu approvati hekk kif mressqa. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Cain Grech. Ittieħed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Thomas Agius, il-Kunsilliera Duncan Bartolo, Cain Grech, Catherine Sammut, Robert Tabone, u Philip Said.

**Dawk Kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Ħadd

L-Audited Financial Statements ġew approvati b' mod unanimu. (90)

**6. VJAL IL-ĦELSIEN (UPDATE)**

6.1. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li hekk kif ippjanat il-Ġimgħa ta' wara kien se jsir il-ftuħ uffiċjali ta' din it-triq u għalhekk talab lill-Marketing u Events Co-ordinator Dr. Massimo Ellul biex jispjega lill-Kunsill dak li kien se jiġi dakinhar. Il-Kunsill daħal fi stadju ta' kumitat. Il-laqgħa ġiet sospiża fid-9.05pm.

6.2. Il-laqgħa kompliet fid-9.15pm.

6.3. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li hekk kif miftiehem kienu nġabru l-kwotazzjonijiet tal-materjal tat-tarmac għax-xogħol li kien se jsir fi Triq Gulliermo Lorenzi. Is-Sindku qal li dawn il-kwotazzjonijiet inġabru u l-aħjar offerta tammonta għal €71,437.28. Is-Sindku spjega kif tinqasam din is-somma. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq din il-proposta għall-vot. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Robert Tabone. Ittieħed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Kunsilliera Duncan Bartolo, Cain Grech, Catherine Sammut, Robert Tabone, u Philip Said.

**Dawk Kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Il-Viċi Sindku Thomas Agius.

Il-mozzjoni ġiet approvata (91).

**8. MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA**

8.1. Is-Sindku Alfred Grixti qal li għalkemm kien hemm ftehim fil-laqgħat ta' qabel li ma jkunx hemm gabbani fil-festa tat-12 ta' Mejju, huwa kien qiegħed jipproponi li jinħareġ permess lil dawk il-bejjiegħa li jarmaw ta' kull sena fit-12 ta' Mejju. Kien hemm qbil dwar dan.

8.2. Is-Sindku Alfred Grixti qal li huwa xtaq li l-Kunsill jirrivedi d-deċiżjoni tiegħu dwar il-bejjiegħa ta' ħdejn Ganpula, jiġifieri li jarmaw biss tlett bejjiegħa. Is-Sindku spjega li qed idejqu ħafna l-fatt li qiegħed jinħoloq monopolju.

## 9. AĠĠORNAMENT

9.1. Is-Sindku Alfred Grixti aġġorna l-laqgħa għat-13 ta' Ġunju fis-6.30pm. Il-laqgħa spiċċat fid-9.15pm.

| | |
|---|---|
| Alfred Grixti<br>Sindku | Christopher Formosa<br>Segretarju Eżekuttiv |